**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 1 ta' April 2022**

**Rikors numru:- 5/2022BS**

**Alfio Rapa**

**-vs-**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Alfio Rapa illi ppremetta:**

1. Illi l-attur Alfio Rapa huwa iben Carmela Rapa;

2. Illi Carmela Rapa twieldet fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tletin (1930).

3. Illi l-att ta' twelid ta' Carmela Rapa fih skorrettezza għaliex fuq iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni mitejn u ħmistax (215) tas-sena elf disa' mija u tletin (1930) hemm miktub li omm Carmela Rapa, Marianna Grech, kien kunjomha Grima meta kienet xebba mentri fil-fatt kien kunjomha Azzopardi. (Dokument A).

4. Illi l-imsemmija Carmela Rapa mietet fl-ewwel (1) ta' Settembru elfejn wieħed u għoxrin (2021) ġewwa l-Belt, Victoria, Għawdex.

5. Illi l-att tal-mewt ta' Carmela Rapa fih skorrettezza għaliex fuq iċ-ċertifikat tal-mewt bin-numru ta' iskrizzjoni mitejn disgħa u tletin (239) tas-sena elfejn u wieħed (2021) hemm miktub li omm Carmela Rapa, Marianna Grech, kien kunjomha Grima meta kienet xebba mentri fil-fatt kien kunjomha Azzopardi. (Dokument B)

6. Illi għalhekk iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni mitejn u ħmistax (215) tas-sena elf disa' mija u tletin (1930) u ċ-ċertifikat tal-mewt bin-numru ta' iskrizzjoni mitejn disgħa u tletin (239) tas-sena elfejn u wieħed (2021) kif ingħad hawn fuq huma skorretti għaliex fil-kolonna "Isem u kunjom il-ġenituri inkluż il-kunjom fit-twelid" hemm indikat li omm Carmela Rapa u kien jisimiha "Marianna Grech at birth Grima" mentri fil-fatt kien kunjomha xebba kien "Azzopardi";

7. Illi l-iskorrettezzi huma kkonfermati mis-segwenti dokument:

    i. Ċertifikat taż-żwieġ maħruġ mill-Parroċċa Madonna ta' Loreto, Għajnsielem, Għawdex ta' Carmelo Rapa u Carmela Rapa li juri li isem omm Carmela kien Marianna xebba Azzopardi (Dokument C) u allura mhux Grima
    ii. Ċertifikat taż-żwieġ maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Carmelo Rapa u Carmela Rapa li juri li isem omm Marianna Grech meta kienet xebba huwa Azzopardi (Dokument D) u allura mhux Grima
    iii. Ċertifikat tat-twelid ta' Carmela Rapa maħruġ mill-Parroċċa Madonna ta' Loreto, Għajnsielem, Għawdex (Dokument E) li juri proprju li ommha kienet M'Anna Azzopardi u mhux Grima
    iv. Ċertifikat tat-twelid ta' omm Carmela Rapa u ċjoe' Maria Anna Azzopardi (Dokument F) li juri proprju li kunjom ommha xebba kien Azzopardi stante li kienet bint Michele Azzopardi

8. Illi jirrizulta li dana huwa żball car li pero` qed iwassal għal problemi għall-istess rikorrenti;

9. Illi din il-procedura qiegħda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:**

1. Tordna l-korrezzjoni taċ-ċertifikat ta' twelid ta' Carmela Rapa rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni mitejn u ħmistax (215) tas-sena elf disa' mija u tletin (1930) billi fejn hemm fil-kolonna "Isem u kunjom il-ġenituri inkluż il-kunjom fit-twelid" hemm indikat li omm Carmela Rapa u kien jisimiha "Marianna Grech at birth Grima" jiġu sostitwiti bil-kliem "Marianna Grech at birth Azzopardi"".

2. Tordna l-korrezzjoni taċ-ċertifikat tal-mewt rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni mitejn disgħa u tletin (239) tas-sena elfejn u wieħed (2021)) billi fejn hemm fil-kolonna "Isem u kunjom il-ġenituri inkluż il-kunjom fit-twelid" hemm indikat li omm Carmela Rapa u kien jisimiha "Marianna Grech at birth Grima" jiġu sostitwiti bil-kliem "Marianna Grech at birth Azzopardi"".

3. Tordna li l-istess korrezzjonijiet ghandhom ssiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt.

**Rat ir-risposta tad-Direttur Pubbliku għal Għawdex illi eċċepiet:**

1. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi għat-talba tar-rikorrenti sakemm jipprovdi provi tal-fatti esposti fir-rikors promotur u għalhekk qiegħed jirrimetti ruħu għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors u fid-dokumenti hemm mehmuza;

3. Illi l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjez tal-istanti, peress li t-talba tar-rikorrenti mhiex attriwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tiegħu;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrent annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat li l-partijiet qablu li din il-kawża setgħet tiġi diferita għas-sentenza għas-seduta tal-lum.

**Il-Provi.**

Ir-rikorrent jafferma li huwa jiġi iben Carmela Rapa. Jgħid li fl-att tat-twelid tagħha omm Carmela, Marianna, li allura tiġi nanntu hija mniżżla bħala li kunjomha xebba huwa Grima meta fil-fatt jirriżulta li kunjomha xebba kellu jitniżżel Azzopardi. Jgħid ukoll li dan l-iżball fil-kunjom ta' xebba ta' nanntu huwa ripetut fiċ-ċertifikat tal-mewt ta' ommu Carmela Rapa. Huwa għalhekk qed jitlob lill-Qorti sabiex tordna il-korrezzjoni ta' dawn iż-żewġ ċertifikati u dana billi dan l-iżball fil-kunjom qed joħloq diffikultajiet meta jsiru r-riċerki.

**Ikkunsidrat.**

Rigward it-talba għall-korrezzjoni fil-kunjom din it-talba qed issir ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti d-dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Illi għandu jingħad li l-Artikolu 253 (1) u

(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jippermettu, taħt ċerti ċirkostanzi, il-bdil ta' isem ta' persuna.

Mill-banda l-oħra l-korrezzjoni ta' kunjom hija aktar imprekattiva legalment għax tista' ssir biss jekk jirriżulta li kien hemm żball f'dak il-kunjom kif reġistrat. Fil-fatt il-Qrati Maltin fid-deċiżjonijiet tagħhom dejjem żammew riġidi fil-każ ta' korrezzjoni fil-kunjom. Tant hu hekk illi il-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet illi[1] :

*"… Ghal din it-talba d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma oggezzjonax u fil-fatt inghata digriet f'dan is-sens. Din il-korrezzjoni hija ferm importanti biex dak li jitlob l-attur jista' jigi milqugh, stante illi b'dan l-Att tat-Twelid tieghu m'huwiex se jigi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li ghandhom terzi persuni zgur se jkunu mharsin. Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma' certu ndividwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista' jkun komplet, u kien proprju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, il-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti nfatti qalet hekk:- "Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicato".*

Il-konklużjoni illi tinstilet minn din id-deċiżjoni hija għalhekk, illi l-interess tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fi proċeduri bħal dawn huwa li jipproteġi l-interess ta' terzi jew aħjar l-interess pubbliku. Loġikament għalhekk jekk mill-provi jirriżulta illi l-interess imsemmi ma jkunx ser jiġi leż, ma għandux jkun hemm oġġezzjoni għat-talba ta' rikorrent li jitlob il-korrezzjoni ta' kunjomu pero sakemm din it-talba ma tkunx qed issir b'kapriċċ, f'liema każ dik it-talba ma tistax tiġi akkolta.

[1] John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku, Appell, 2 ta' Marzu, 1994.

Barra minn hekk huwa paċifiku li dan l-artiklu jippermetti korrezzjonijiet fl-isem tal-persuna, u mhux fil-kunjom. Infatti l-Qorti fil-kawża "**Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku**"[2] ikkonkludiet illi "*Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-artiklu 253 tal-Kap 12 – ghalkemm lingwistikament huwa minnu li jista' wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna` - kien u hu kunjom jew "surname". Fil-lingwa Franciza, bhala f'ilsna ohra,tinzamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjah "prenom" minn dak li hu "nom de famille". Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll ghal "dixxendenti ulterjuri", pero` din hija "lapsus", oppure kopertura tal-possibilita` li kemm-il darba isem ta' axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, "Paul"ghal "Joseph", tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa'tigi annotata. Pero` mid-dibattiti parlamentari jemergi li "ratio legis" kien dak biss li jaghmilha possibbli li f'kazi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jigi mibdul – imma mhux il-kunjom, ammeno che ma jkunx hemm zball*."

Irid jingħad li fil-każ odjern it-talba hija li ssir korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid u fiċ-ċertifikat tal-mewt ta' omm l-attur. Minn qari ta' ġurisprudenza maltija jirriżulta illi l-Qrati aċċettaw korrezzjonijiet fis-sens per eżempju ta' inklużjoni ta' kunjom ġenitur imma qatt ma aċċettaw bdil jew żieda ta' kunjom jekk mhux għax ikun sar żball x'imkien. Jekk ma jirriżultax li sar żball waqt ir-reġistrazzjoni tat-twelid allura it-talba għal korrezzjoni ma tintlaqax. Infatti l-Qorti fis-sentenza ġia ċitata ikkonkludiet illi "*Il-kunjomijiet "Magro" u "Magri", imsemmijin mill-attur fil-kawza citata minnu, dejjem gew meqjusa bhala differenti minn xulxin. Ghalhekk jekk xi hadd ikun gie mnizzel bhala "Magro"minflok "Magri", jew vice versa, ikun jammonta ghal zball u bhala tali jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk l-izball jigi ppruvat. Illi dan ifisser li t-talba tal-attur tinvolvi verament talba ghall-bdil tal-kunjom tieghu, li ma hijiex permessa mill-ligi, la darba jirrizulta li huwa ha naturalment il-kunjom tal-missier naturali tieghu indikat fl-att tat-twelid tieghu relattiv, u dan huwa wkoll ikkonfermat fuq dak li inghad fis-sentenza "Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et" (AC 29 ta' Novembru 1971) li ghaliha qed issir referenza.*"

[2] Prim Awla, deciza 1 ta Frar, 2001

Minbarra f'dan huwa ferm relevanti l-fatt illi mill-iskorta ta' ġurisprudenza joħroġ ċar illi l-Qrati tagħna jagħmlu distinzjoni bejn dawk il-każijiet fejn it-tibdil fil-kunjom jintalab b'riferenza għall-kunjom li ma jkollu l-ebda rabta familjari ma dak ta' l-applikant, l-każijiet l-oħra fejn tali rabta hija evidenti u l-interessi ta' terzi mhumiex preġudikati. F'dan l-aħħar il-qrati Maltin kienu aktar propensi illi jilqgħu it-talbiet għal korrezzjoni.

Hekk pereżempju il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "John Zammit magħruf bħala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku"[3], irriteniet illi *"…hija haga maghrufa illi l-ligijiet ta' l-istat civili, bir-registrazzjoni ta' l-attijiet tat-twelid u taz-zwieg, kif ukoll tal-mewt, hija haga wisq importanti ghall-hajja civili tas-socjeta`, peress illi minn dawk l-annotazzjonijiet jiddependu hafna drittijiet tac-cittadini. Issa l-kunjom ta' familja, kif inhu l-partimonju ta' l-individwu, li l-familja ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-patrimonju tal-familja li ghandha certu nteress li l-membri taghha jkunu maghrufa b'dak il-kunjom; u huwa wkoll patrimonju tas-socjeta` d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta' kull socjeta`, u ghalhekk teoritikament ma jistax ikun permess lil persuna, l-ghaliex il-kunjom taghha ma joghgobhiex, taghzel kunjom iehor li jidhrilha li hu isbah, u forsi izjed skond l-idejat moderni prevalenti, u taddotta "marte proprio" dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni fis-socjeta`, jekk kwantita` kbira ta' cittadini juzaw minn dak, jekk huwa dritt"*.

Huwa ċar illi talba għal tibdil li jirriżulta kapriċċuż u mhux korreletat ma' rapport familjari ma tistax tintlaqa. It-talba tal-lum hija għal-korrezzjoni ta' kunjom in-nanna tal-attur. Hekk ġie enunċjat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-każ **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku[4] -** *"Illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna."*

[3] Deciza 2 ta' Marzu, 1994
[4] Deciza, Prim Awla 21 ta' Marzu, 2001

Din il-Qorti tifhem li talbiet għal bdil fil-kunjom m'għandhomx jintlaqgħu b'mod kapriċċuż u leġġer. Barra minn hekk kif ġia spejegat aktar `il fuq , il-każ li għandha llum quddiemha din il-Qorti huwa ċar u dan mid-dokumenti esebiti li kunjom Marianna Azzopardi tniżżel bi żball bħala Grima. Dan il-fatt waħdu jinduċi lil din il-Qorti li temmen li t-talba odjerna ma hix frott ta' leġġerezza jew kapriċċ. Huwa ben ċar li kunjom Marianna kellu jiġi reġistrat bħala Azzopardi u mhux Grima u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed jintalab ma hux qed jmur kontra l-ordinament ġiuridiku tagħha.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti ser tilqa' it-talbiet tar-rikorrent b'dan illi l-ispejjeż għandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

**Decide.**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent kif ġej :

1. **Tordna l-korrezzjoni taċ-ċertifikat ta' twelid ta' Carmela Rapa rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni mitejn u ħmistax (215) tas-sena elf disa' mija u tletin (1930) billi fejn hemm fil-kolonna "Isem u kunjom il-ġenituri inkluż il-kunjom fit-twelid" hemm indikat li omm Carmela Rapa u kien jisimiha "Marianna Grech at birth Grima" jiġu sostitwiti bil-kliem "Marianna Grech at birth Azzopardi"".**

2. **Tordna l-korrezzjoni taċ-ċertifikat tal-mewt rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni mitejn disgħa u tletin (239) tas-sena elfejn u wieħed (2021)) billi fejn hemm fil-kolonna "Isem u kunjom il-ġenituri inkluż il-kunjom fit-twelid" hemm indikat li omm Carmela Rapa u kien jisimiha "Marianna Grech at birth Grima" jiġu sostitwiti bil-kliem "Marianna Grech at birth Azzopardi"".**

Il-Qorti tordna wkoll ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta li kull korrezzjoni hawn ordnata għandha ssir mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza

tgħaddi in ġudikat u għandha ssir bis-saħħa ta' kopja vera tas-sentenza li tingħata lilu mir-Reġistratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Liġi.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jiġu sopportati nofs mill-attur u nofs mill-konvenut.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) Dorianne Cordina
Dep./Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur